

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/280

tal-25 ta' Frar 2016

li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK (¹).
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, il-miżuri restrittivi kontra l-Belarussja għandhom jiġu estiżi sat-28 ta' Frar 2017.
- (3) L-applikazzjoni tal-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u l-ifriżar tal-assi għandha tinżamm fir-rigward ta' erba' persuni elenkti fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/642/PESK.
- (4) Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK għandha għalhekk tiġi emmendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK hija b'dan emmendata kif ġej:

- (1) fid-Deċiżjoni kollha, it-terminu "Anness I" huwa sostitwit bit-terminu "Anness";
- (2) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jadotta emendi għal-lista li tinsab fl-Anness skont kif ikun meħtieġ mill-iżviluppi politiċi fil-Bjelorussja.";

- (3) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-28 ta' Frar 2017.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt rieżami kostanti u għandha tiġġedded, jew tiġi emmendata kif meħtieġ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ntlaħqux.";

(¹) Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1).

- (4) l-Anness I huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni;
- (5) l-Anness II huwa mħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2016.

*Għall-Kunsill
Il-President
K.H.D.M. DIJKHOFF*

ANNESS

“ANNESS

Persuni msemmijin fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 4(1)

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografijsa Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografijsa Russa	Ismijiet (ortografijsa Bjelorusa)	Ismijiet (ortografijsa Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
1.	Navumau, Uladzimir Uladzimiravich Naumov, Vladimir Vladimirovich	НАВУМАЎ, Уладзімір Уладзіміравіч	НАУМОВ, Владимир Владимирович	Data tat-twelid: 7.2.1956, Post tat-twelid: Smolensk (Russja)	Naqas milli jieħu azzjoni biex jinvestiga l-każ tal-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorusja fl-1999 u fl-2000. Eks Ministru tal-Intern u wkoll eks-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-President. Bħala Ministru tal-Intern huwa kien responsabbli għar-repressjoni matul id-dimos-trazzjonijiet paċċifiċi sakemm irritira fis-6 ta' April 2009 għal raġunijiet ta' saħħa. Ingħata residenza f'Minsk fid-distrett tan-nomenklatura Drozdy mill-Amministrazzjoni Presidenzjali. F-Ottubru 2014 ingħata l-Ordn 'Għall-Mertu' grad III mill-President Lukashenka.
2.	Paulichenka, Dzmitry Valerievich Pavlichenko, Dmitri Valerievich (Pavlichenko, Dmitriy Valeriyevech)	ПАЎЛІЧЕНКА, Дзмітрый Валер'євіч	ПАВЛИЧЕНКО, Дмитрий Валериевич	Data tat-twelid: 1966 Post tat-Twelid: Vitebsk Indirizz: Белорусская ассоциация ветеранов спецподразделений войск МВД 'Честь' 220028, Минск Маяковского, 111	Persuna ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorusja fl-1999 u fl-2000. Kien Kap tal-Grupp ta' Reazzjoni Specjalji fil-Ministeru tal-Intern (SOBR). Negozjant, Kap tal-'Unur', l-Assoċjazzjoni tal-Ministeru tal-Intern tal-veterani minn forzi speċjali tal-Ministeru tal-Intern.
3.	Sheiman, Viktar Uladzimiravich (Sheyman, Viktar Uladzimiravich) Sheiman, Viktor Vladimirovich (Sheyman, Viktor Vladimirovich)	ШЕЙМАН, Віктор Уладзіміравіч	ШЕЙМАН, Виктор Владимирович	Data tat-twelid: 26.5.1958, Post tat-Twelid: Hrodna region Indirizz: Управление Делами Президента ул. К.Маркса, 38 220016, г. Минск	Kap tad-Dipartiment ta' Ġestjoni tal-Amministrazzjoni tal-President. Responsabbli għall-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorusja fl-1999 u fl-2000. Kien Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà. Sheiman għadu Assistant Speċjali tal-President.

	Ismijiet Traskrizzjoni ta' ortografija Bjelorusa Traskrizzjoni ta' ortografija Russa	Ismijiet (ortografija Bjelorusa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar
4.	Sivakau, Iury Leanidavich (Sivakau, Yury Leanidavich) Sivakov, Iury (Yurij, Yuri) Leonidovich	СІВАКАЎ, Юрый Леанідавіч	СИВАКОВ, Юрий Леонидович	Data tat-twelid: 5.8.1946 Post tat-Twelid: Onory, Reġjun ta' Sakhalin Indirizz: Белорусская ассоциация ветеранов спецподразделений войск МВД 'Честь' 220028, Минск Мая- ковского, 111	Organizza l-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorusija fl-1999 u l-2000. Eks-Ministru għat-Turiżmu u l-Isport, eks-Ministru għall-Intern u eks-Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali."